**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Frar, 2016**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 703/2015**

**Lars-Goran Berglund u Kerstin Anita Berglund**

**vs**

**Hector Spiteri u Nadine Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-21 ta' Lulju 2015 li jghid hekk:

Illi l-intimati permezz ta' pretensjonijiet li huma ghamlu mar-rikorrenti qed jippretendu li huma ghandhom servitu favur taghhom, ossia favur il-proprjeta taghhom cioe l-apartament numru hamsa (5), Sir Luigi Apartments, f'Sir Luigi Camilleri Street, Sliema, liema appartament huma qed jghidu li huwa l-fond dominanti u ghandu favur tieghu dritt fuq l-arja tal-istess blokka ta' appartamenti fis-sens li din l-arja ma ghandhiex tigi zviluppata bl-ebda mod.

Illi l-istess intimati sahansittra talbu lill-atturi li jwaqqghu kostruzzjoni li huma bnew fl-arja tal-istess blokka ta' apartamenti.

Illi l-agir da parte tal-intimati, partikolarment il-pretensjoni hawn fuq imsemmija, li saret permezz ta' korrispondenza skambjata u anke permezz ta' ittra ufficjali li qed tigi hawn esebita, qieghed jivvessa lir-rikorrenti u ghalhekk huma ghandhom interess li jilliberaw ruhhom minn din il-millantazzjoni tal-intimati.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:
1. Tipprefiggi terminu lill-intimati ta' mhux aktar minn tliet xhur, sabiex dawn jiddeducu l-pretensjonijiet taghhom u jieqfu jivvessaw lir-rikorrenti;

2. Fil-kaz li l-intimati ma jiddeducux il-pretensjonijiet taghhom flt-terminu lilhom preskritt, jigi impost lill-intimati s-silenzju perpetwu billi jigi ghalhekk lilhom impedut li jkomplu jivvessaw lir-rikorrenti u li qatt jipprocedu b'dawn il-pretensjonijiet bla bazi taghhom.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-istess li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

(1) IIli d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-drittijiet proprjetarji tieghu ta' servitu li fuq il-bejt tal-blokka Sir Luigi Apartments, Triq Sir Luigi Camilleri, tas-Sliema gja 42, 43 u 44 fl-istess triq huma naxxenti mill-kuntratt tat-2 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo hawn anness u mmarkat bhala dokument A u tas-27 ta' Frar 1998 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' hawn anness u mmarkat bhala dokument B minn fejn il-vendituri tieghu Mark u Claire Sapienza akkwista l-proprjeta in kwisjoni minghand Andrew u Pauline Pace.

(2) IIlli l-imsemmija Andrew u Pauline Pace sussegwentement ghal vendita tal-appartament fuq in kwistjoni lil konjugi Sapienza bil-kuntratt tas-27 ta’ Frar 1998 bieghu lill-antekawza tal-atturi l-appartment numru (6) Sir Luigi Apartments, Triq Sir Luigi Camilleri, tas-Sliema u dan lil Sofia Naushaba Syed b'kuntratt tal-4 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin hawn anness u mmarkat bhala dokument C.

(3) Illi l-atturi akkwistaw il-proprjeta in kwistjoni mill-eredi ta' Naushaba Syed b'kuntratt tad-9 ta' Gunju 2006 fl-atti tan-Nutar Clarissa Cuschieri hawn anness u mmarkat bhala dokument D.

(4) Illi ghalhekk id-drittijiet proprjetarji fuq l-apartament numru (6) huma naxxenti minn kuntratt ta' provenjenza tad-9 ta' Gunju 2006 ossija l-kuntratt tal-4 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin u ghalhekk is-servitu li ghandhom l-intimati fuq il-proprjeta tal-atturi hija antecedent mhux biss ghall-akkwist taghhom imma ukoll ghall-akkwist tal-vendituri taghhom ossija Naushaba Syed.

(5) IIli kif jirrizulta mill-gurisprudenza taghna huwa l-attur li jrid jipprezenta il-lite biex jipprova d-dominju tieghu u l-intimati huma fil-pussess tas-servitu mill-akkwist tal-antekawza minnhom u ma ghandhom obbligu jaghmlu xejn fil-kawza fuq imsemmija stante li huwa l-attur li jrid mhux biss jissodisfa r-rekwisit tal-pussess imma ukoll tad-dominju mill-parti tieghu, Vide - Aloisia Fenech et vs Francesco Debono et - deciza fl-14 ta' Mejju, 1935 - Vol. XXIX - Part 2 - Page 488.

Illi kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Abela vs Gaud - deciza fl-1 ta' Dicembru, 1877, kollezzjoni Vol. VIII - Pagna 367 - il-konvenut indipendentement minn natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi l-prova tal-proprjeta mill-parti tar-rivendikant ossia li huwa zamm il-proprjeta animo domini ghall-iktar minn tletin sena.

Illi ghalhekk l-atturi ma jistghux juzaw din il-kawza biex dak li huwa obbligu taghhom li jirrivendikaw hwejjighom, li ma ghandhomx, jitfghuh fuq l-intimati meta ma

ghandhom l-ebda obbligu biex jaghmlu dan. Huma ghandhom dritt ma jifthux halqhom sakemm tingab il-prova kontrarja, liema haga l-atturi ma jistghux jaghmlu ghax kif jirrizulta mill-atti processwali t-titolu tal-intimati jipprevali dak tal-atturi.

Illi Laurent - Vol. VI - Pagna 160 jghid "E' dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla da provare: egli puo serbare il silenzio e vincera la lite, percio' solo che il rivendicante non ha provato di essere il proprietario cio e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza. Din il-prova tista' ssir jew bl-ezibizzjoni tat-titolu tal-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akwizittiva jew bi kwalunkwe ·mezz iehor permess mill-ligi. L-istess Laurent, waqt li jitkellem fuq il-prova li tigi mit-titolu tal-akkwist, jghid "Co lui che rivendica, puo altre' si invocare la prescrizione".

Il Fadda f'paragrafu 577 jghid illi "co lui che con il possesso di trent'anni ha gia prescritto in favor proprio e perde poi il possesso, trova in tale prescrizione il titolo per poter sperimentare la rei in vendicatio purche pero l'attuale possessore non abbia a sua volta prescritto in proprio favore."

Il-Qrati taghna fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 1875, collezione Volume VII - Pagna 390 - fl-ismijiet Attard vs Fenech iddecidiet illi "l'attore e' ammesso a provare il suo dominio con qualuncue altro mezzo permesso nella Legge."

Illi fll-kaz in ezami, l-atturi mhux biss ma ghandhomx pussess tad-dritt minnhom pretiz ossija tal-inesistenza tas-servitu kreata mill-antekawza minnhom imma huma jafu li biex bnew b'tolleranza dik il-kamra fuq il-bejt huma talbu l-permess tal-intimati pero minflok qaghdu ghal mizuri kif gie miftiehem bejn il-partijiet, huma kabbru l-istess kamra kontra l-ftehim raggunt bejniethom u ad insaputa tal-inti mati li jghixu barra minn Malta.

Fil-Gurisprudenza Taljana gie spjegat "che' il prIncipio che il rivendicante deve provare rigorosamente il suo dominio era temperato in diritto romano dell'azione publiciana, percui nel rivendicazione prevaleva quello dei contraenti che "potiore jura ostendit" u intqal illi fid-dritt Taljan, dan ma kienx iktar ammess, pero l-gurisprudenza Maltija ma segwitx dan u intqal fis-sentenza ta' Attard vs Fenech - Vol. VII - Pagna 394 - che' e' ricevuto nel foro che Ie dette due azioni si possono cumulare e Ie disposizioni dell'Ordinanza VII del 1868 non hanno abolito o revocato Ie dette due azioni".

Illi ghalhekk it-titolu tal-intimati huwa ahjar minn dak tal-atturi ghax id-dritt taghhom huwa naxxenti mill-kuntratti tal-antekawza minnhom liema titolu huwa antecedent u konsegwentement jipprevali fuq it-titolu tal-atturi u ghalhekk fic-cirkostanzi fuq imsemmija mhux sufficjenti li l-atturi jipprezentaw il-kuntratt tal-akkwist tieghu stante illi t-titolu tal-konvenuti huwa aqwa minn tar-rikorrenti peress illi huma akkwistaw id-drittijiet taghhom antecedentement ghal dak tal-atturi.

F'din l-opinjoni jaqblu l-Baudry Lacantinerie f'Delia Prescrizione f'pagna 442, il-Pothier f'Delia Proprieta' - Nru. 276, Aubrey de Rau u Colmet de Santerre u awturi ohra citati mill-Baudry.

In fatti l-Baudry Lacantinerie "il vero e' che non vi e' da fare nessuno distinzione tra il diritto di proprieta' e l'azione di rivendicazione; la prescrizione non e' possibile contro l'uno e' l'altra se non quando un terzo abbia posseduto per il tempo richiesto e nelle condizioni voluta dalla Legge".

Illi l-intimati qatt ma gew spossessati mill-pussess u dominju tas-servitu taghhom taghhom u effettivament ghadhom fil-pussess ta' din is-servitu li giet ikkreata mill-antekawza taghhom u cioe a favur Mark u Claire Sapienza mill-proprjetarju tal-blokka ta' appartamenti Andrew u Pauline Pace. Illi l-konjugi Pace qabel ma bieghu l-appartament numru (6) f'Sir Luigi Apartments, Triq Sir Luigi Camilleri, tas-Sliema kkreaw is-servitu ta' 'altius non tollendi' a favur tal-akkwirenti tal-appartament numru (5) f'Sir Luigi Apartments, Triq Sir Luigi Camilleri, tas-Sliema. Skond il-Gurisprudenza Bigiavi - Pagna 885 - "se il titolo di acquisto delia proprieta' invocato dal convenuto e' derivattivo, la prova delia proprieta' non e' raggiunta con la semplice esibizione del titolo che' trasferisce il dominio al rivendicante giacche occore anche dimostrare che l'alienante aveva il potere di disporre del diritto e cosi via sino a risalire ad un ante causa remoto di qui si possa dimostrare l'acquisto a titolo originario." Illi l-intimati bil-prezentata tal-kuntratti fuq imsemmija jistghu jippruvaw dan u ghalhekk huma l-atturl li jridu jipprocedu gudizzjarament kontra taghhom u mhux vici versa.

Illi l-pussess tas-servitu tal-intimati huwa pacifiku fis-sens illi ma jidhirx illi kien originat minn atti ta' vjolenza u ma kienx klandestin.

Illi Coen - Voce Proprieta' - Pagna 423 isostni non e' necessario che il con venuto nella rivendicazione abbia un titolo delia proprieta da contrappore al attore, ma basta che' sia possessore del fondo ... trovandosi in possesso delia cosa non ha obbligo di fornire la prova delia sua propriete'. Egli e' protetto dal suo posses so fin tanto che' il rivendicante non abbia provato la proprieta' delia cosa che' reclama.

Il Ricci jghid illi "se l'attore non dimostra che egli e' proprietario delia cosa che rivendica, non puo pretendere che if con venuto sia tenuto a consegnargliela solo perche' esso non e' ingrado di gustificare if suo possesso. Imperocche' io ho il diritto di reclamare una cosa quando dimostro di esserne proprietario e cio inforza del vincolo che' unisce la cosa a me. Ma non ho nessun diritto che if terzo dia a me le cose che egli possede senza alcun titolo perche' usurperei l'azione competente al proprietario delle medesime."

Illi dan kollu gie deciz fil-kawza Paul Agius et vs Michael Scicluna - deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2001.

Illi Walter Bigiavi - f'pagna 865 et seq fil-Gurisprudenza Sistematica Civile e Commerciale jghid "la prova delia proprieta' si e' detto deve essere completa perche l'attore rivendicando pone in essere il suo diritto di proprieta' e quindi il Giudice ha il dovere di pretendere la prova piena non essendo sufficiene che l'attore dimostri di aver un titolo piu forte del convenuto."

Fil-kawza Debono vs Debono - deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 1970 - il-Qorti stabbilit illi biex il-pussess ikun legittimu, l-pussess irid ikun kontinwu, mhux interrott, pubbliku u inekwivoku u ghalhekk fil-kaz in ezami, l-atturi jridu jippruvaw it-

titolu taghhom u mhux jippretendu li l-intimati jaghmlu kawza biex igibu l-prova diabolika rikjesta mil-ligi.

Illi jekk ihossu li d-drittijiet taghhom huma qed jigu mcahda, illi huma jridu jintavolaw il-kawza tal-'actio rei vendicatoria' u/jew tal-'actio pubbliciana' u mhux jippretendu li l-intimati jaghmlu dan biex ipogguhom fis-silenzju perpetwu.

IIli sta ghalihom biex jipprocedu gudizzjarjament u l-intimati ghandhom dritt ma jghidu xejn sakemm ma tingabx il-prova kuntrarja kontra taghhom u ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma frivoli u vessatorji u intizi biex jaghmlu 'capo giro' tal-proceduri processwali u jistultifikaw id-drittijiet tal-intimati kif fuq espresso.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti u hadet konjizzjoni tal-provi prodotti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni ta' jattanza intentata mill-atturi sabiex il-Qorti tiffissa terminu lil konvenuti biex iressqu l-pretensjoni ta' servitu li jivvantaw li ghandhom favur taghhom fuq l-appartamenet numru 5 Sir Luigi Apartments, Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema bhala l-fond dominanti fuq l-arja tal-blokk ta' appatamenti senjatament il-bejt tal-penthouse numru 6 sovrastanti liema penthouse hi proprjeta tal-atturi.

Il-konvenuti jsostnu li d-dritt ta' servitu hu naxxenti mill-provenjenza tat-titolu tal-awturi taghhom, antecedent ghall-akkwist tal-atturi.

**Ligi**

Fil-kawza **Mario Pickard vs Grace Andersen** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 (1064/2088):

> "Illi bhala konsiderazzjonijiet legali dwar din l-azzjoni, jibda biex jinghad li l-azzjoni ta' Jattanza jew, kif ukoll maghrufa, tal-Millantazzjoni tapplika fejn persuna, f'att gudizzjarju jew xort'ohra bil-miktub, tippretendi li ghandha xi jedd kontra persuna ohra. Din tal-ahhar, jekk trid tehles minn tali pretensjoni, ghandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux izjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min ghamilha, biex il-qorti tordna lil min

jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni ghad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiz-zmien moghti mill-istess qorti;[1]

"Illi huwa mghallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jehtieg jirrizulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra taghha tkun saret ilpretensjoni tkun fil-pussess tal-haga li jrid jikkawtela, li l-pretensjoni tkun wahda spontanja u mhux provokata, u tkun wahda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawza fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jsehh jew jista' ma jsehhx.[2] Biex jista' jinghad li pretensjoni tkun wahda spontanja, irid jirrizulta li din ma tkunx ir-rizultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fethet il-kawza tal-jattanza.[3] Fuq kollox, l-azzjoni ta' jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinzammu 'l quddiem, jehtiegu azzjoni fil-Qrati: ma tolqotx dawk il-pretensjonijiet li, min jaghmilhom, ma jehtieg l-ebda azzjoni ghaliex diga' jgawdi dak li jippretendi jew hu fil-pussess taghhom;

"Illi ghalhekk l-artikolu 403 tal-Kodici jrid jinghata tifsira dejqa minhabba li l-azzjoni tal-jattanza ghandha l-ghan li ggib fuq il-parti li taghmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet ghal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qieghed jinghad ghaliex jixraq li wiehed izomm quddiem ghajnejh li r-regoli maghmula mil-legislatur fid-diversi dispozizzjonijiet li jmexxu dawn il-proceduri specjali ghandhom dejjem jitqiesu bhala partikolari ghalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[4] jfisser din l-ghamla ta' azzjoni bhala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit."[5] Il-kundizzjonijiet ghall-applikazzjoni taghha, ghalhekk, ghandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-legislatur;

## Fatti

Bhal fatti jirrizulta illi l-konvenuti b'zewg ittri legali datati 13 ta' Awwissu 2014 u 22 ta' Dicembru 2014 intimaw lil atturi sabiex inehhu kostruzzjoni tal-injam mibnija fuq l-arja tal-penthouse (proprjeta tal-atturi) billi fuq tali arja l-konvenuti jgawdu servitu li l-arja ma tinbeniex kif jinghad fil-kuntratt tal-akkwist taghhom tat-2 ta' Jannar 2004. F'ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2015 il-konvenuti irripetew l-istess intimazzjoni.

Jirrizulta b'mod car ghalhekk illi l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom jedd fil-konfront tal-atturi liema pretensjoni saret bil-miktub. Jirrizulta wkoll illi l-pussess anzi

[1] Art. 403 tal-Kap 12
[2] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et***
[3] Mag. (Gh) AE **2.10.2007** fil-kawza fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli***
[4] *Notes on Civil Procedure*, pag. 1456
[5] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. **13.12.1930** fil-kawza fl-ismijiet ***Gauci vs Francia*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.332**)

l-proprjeta tal-arja jew bejt tal-penthouse jinsabu fil-pussess tal-atturi. Dan johrog car mill-kuntratt ta' akkwist tal-awturi tal-atturi Syed datat 4 ta' Gunju 1998 atti Nutar John Gambin fejn inbieghet il-penthouse bil-bejt u l-arja bid-dritt ghas-sidien l-ohra li jwahhlu tank tal-ilma u aerial u fil-kaz tal-appartament numru 5 (tal-penthouse) jistallaw satellite dish u b'access biss ghal skopijiiet ta' istallazzjoni, manutenzjoni (ara artikolu 3 tal-kuntratt). L-istess kondizzjoni saret meta l-atturi xtraw minghand Syed fid-9 ta' Gunju 2006 (fol. 40 a tergo tal-process).

Il-konvenuti jsostnu li skond il-kuntratt ta' akkwist tal-awtur taghhom lil konjugi Sapienza li xtraw minghand is-sidien originali l-konjugi Pace kif kienet xtrat Syed, b'kuntratt tas-27 ta' Frar 1998 gie dikjarat li l-konjugi Pace kienu qed izommu d-dritt fuq l-arja u l-bejt tal-penthouse b'dan li l-konjugi Sapienza kellhom il-jedd li jistallaw tank tal-ilma, aerial jew satellite dish bid-dritt ta' access ghal manutenzjoni taghhom (ara kuntrat fol. 26 et seq. tal-process). Fi klawsola 13 il-vendituri Pace obbligaw ruhhom ghalihom u s-successuri fit-titlu taghhom li ma jibnux l-arja fuq il-penthouse liema kondizzjoni saret f'forma ta' servitu bil-fond dominant jkun l-appartament numru 5 u l-fond servjenti l-arja.

Irid jigi stabbilit wara dan l-elenku ta' fatti jekk il-pretensjoni hix wahda spontanja jew provokata mill-atturi u jekk il-pretensjoni tistax titmexxa permezz ta' kawza u mhix kondizzjonata minn fatt li jista' jsehh jew ma jsehhx.

Il-Qorti tqis illi l-fatt li wassal ghal din il-kawza hi l-kostruzzjoni tal-injam fuq l-arja tal-penthouse li ex admissis skond l-atturi stess saret fl-2006 pero li skond huma ma kienx sar oppozizzjoni ghaliha. Il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni tad-dritt u tal-oppozizzjoni o meno billi din semmai hi kwistjoni ta' mertu mhux relatata direttament mal-azzjoni quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tqis minn dawn il-fatti illi l-pretensjoni fil-konfront tal-atturi mhix provokata izda wahda spontanja.

L-iskop ewlieni ta' mittantazzjoni hu biex ma jibqghux penednti kwistjonijiet u allegazzjonijiet li jistghu jkunu bla bazi u mhux biex parti tiehu vantagg strategiku kontra l-ohra billi iggieghel lil parti l-ohra tintavola l-kawza hi (ara **Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt**, PA 06/02/2004).

Maghdud dan jistaq' jitqies illi l-fatt ta' kostruzzjoni ta' kamra jew kostruzzjoni tal-injam mill-atturi kienet sfida ghad-drittijiet pretizi tal-konvenuti li geghlithom u ipprovokathom jiddefendu ruhhom billi jirrispondu legalment ghal pretensjonijiet attrici. Dan ma jikkostitwix pretensjoni spontanja izda wahda provokata bhala risposta jew difiza ghal fatt maghmul kontra d-drittijijiet ta' min qed jiddefendi ruhu (ara f'dan is-sens **Buhagiar vs Busuttil**, App 22/10/1999).

Din il-Qorti ma kienx ikollha ebda ezitazzjoni li tiddeciedi illi l-pretensjoni tal-konvenuti bl-ittri mibghuta kienet wahda provokata li kieku dan l-agir taghhom sehh fil-vicinanzi tal-fatt lamentat u in disputa. Izda l-ittri tal-konvenuti li talbu t-tnehhija tal-kostruzzjoni tal-atturi saret tmien snin wara li saret il-kostruzzjoni. Dan inehhi, fil-fehma tal-Qorti l-fattur tal-provokazzjoni u jrendi l-pretensjoni tal-konvenuti bhala wahda spontanja u mhux difiza diretta u pronta ghall-agir ta' dritt disputat tal-atturi u konservazzjoni tad-dritt tal-konvenuti necessitata mill-azzjoni tal-atturi jew kawtela guridika (ara **Charles Ciappara vs Salvu Fenech noe**, App 07/10/1996 u **Avukat Generali vs Dr. Hugh Peralta noe**, App 28/04/2000).

Ma jfissirx b'daqshekk li l-konvenuti ma ghadx ghandhom jeddijiet izda biss li ghal fini ta' din il-kawza l-atturi ippruvaw l-element biex jikkostringu lil konvenuti jressqu gudizjarjament il-pretensjoni taghhom u l-vertenza tinqata' darba ghal dejjem, altrimenti fin-nuqqas izommu skiet ghal dejjem.

Bhala elementi ohra l-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-konvenuti tista' titressaq u tigi ezercitata legalment quddiem Qorti ghal rimedju u mhux kondizzjonata minn xi fatt li jista' jigri jew ma jigrix, anzi jirrizulta li l-fatt gia sehh li ta lok ghal pretensjoni tal-konvenuti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti wettqu millantazzjoni fil-konfront tal-atturi bl-ittra legali u ufficjali datati 13 ta' Awwissu 2014, 22 ta' Dicembru 2014 u 3 ta' Lulju 2015, u l-atturi ghandhom dritt jehilsu minn tali

millantazzjoni jekk kemm-il darba l-konvenuti ma jgibux il-quddiem l-azzjoni gudizjarja mehtiega. Ghalhekk qed jigu milqugha t-talbiet attrici u ghal finijiet tal-artikolu 402(1) u 408 tal-Kapitolu 12 qed tordna lil konvenuti sabiex irressqu l-pretenzjonijiet taghhom fi zmien tletin jum millum u thalli l-kawza ghas-smigh ghas-7 ta' Marzu 2016 ghal informazzjoni ulterjuri u jekk ikun il-kaz ghal provvediment mehtieg fir-rigward. L-ispejjez ibatuhom il-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur